**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 281/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**(Spettur Shamus Woods)**

**Vs**

**Veljko Mijailovic**

**Illum 4 ta' Mejju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Veljko Mijailovic** ta' disgħa u tletin (39) sena, imwieled ir-Repubblika tas-Serbja fit-8 ta' Ġunju 1983 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 238981A, talli:

Sbieħ it-28 ta' Frar 2023 mill-ħanut Pro Chimps f'Daħla fi Triq il-Kappillan Mifsud, Msida:

1. Ikkommetta serq ta' għadd t'oġġetti elettroniċi, fosthom għadd ta' iPhones u mobile phones, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-ħin, għad-dannu tas-soċjetà Pro Chimps Ltd. u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra;

2. B'mezzi xort' oħra minn dawk imsemmija fis-sub-titolu IV tat-Titolu IX tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, cioè fil-bieb ta' l-istess ħanut, liema ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) iżda iżjed minn mitejn u ħamsin Euro (€250) għad-dannu tas-soċjetà Pro Chimps Ltd. u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra;

Nhar it-23 ta' Frar 2023, għall-ħabta tas-7:30p.m., mill-ħanut Pro Chimps f'Daħla fi Triq il-Kappillan Mifsud, Msida, flimkien ma' persuna oħra mhux magħrufa:

3. Ikkommetta serq ta' żewġ iPhones 14 Pro Max, liema serqa hi aggravata bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-ħin, għad-dannu tas-soċjetà Pro Chimps Ltd. u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra;

Nhar it-3 ta' April 2023, għall-ħabta tas-7:00p.m., u/jew fil-jiem u/jew fil-ġimgħat ta' qabel, f'San Pawl il-Baħar u/jew f'inħawi oħra ta' dawn il-gżejjer:

4. B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, liema ammont ta' qligħ mill-ħati bi ħsara ta' diversi persuni huwa ta' aktar minn ħamest elef Euro (€5,000);

5. Irrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenzi definittivi mogħtija minn Qrati tar-Repubblika tas-Serbja;

Rat li inizjalment l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1], iżda imbagħad fis-seduta tas-26 ta' April 2023[2] huwa rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien biex jerġa' jirrikonsidraha u jerġa' lura minnha;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markat Dok. "A" sa' Dok. "C" a fol. 10 sa' 13 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Jonathan Ransley mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' April 2023[3] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. 1 sa' 3 a fol. 27 sa' 29 tal-proċess u rat l-esebiti minnu ppreżentati u markati Dok. "JR1" sa' Dok. "JR6"[4];

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li in kwantu rigwarda l-oġġetti misruqa, bl-għajnuna ta' l-imputat dawn ġew fil-maġġor parti tagħhom ritornati u li l-imputat ikkoopera mal-Pulizija;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

[1] Fol. 14 tal-proċess.
[2] Fol. 17 tal-proċess.
[3] Fol. 18 sa' 26 tal-proċess.
[4] Dawn iġibu Esebit Nru. KA182/2023 a fol. 30 u 31 tal-proċess.

L-imputat qed jiġi mixli talli: Sbieħ it-28 ta' Frar 2023 mill-ħanut Pro Chimps f'Daħla fi Triq il-Kappillan Mifsud, Msida: (1) Ikkommetta serq ta' għadd t'oġġetti elettroniċi, fosthom għadd ta' iPhones u mobile phones, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-ħin, għad-dannu tas-soċjetà Pro Chimps Ltd. u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra; (2) B'mezzi xort' oħra minn dawk imsemmija fis-sub-titolu IV tat-Titolu IX tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, cioè fil-bieb ta' l-istess ħanut, liema ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) iżda iżjed minn mitejn u ħamsin Euro (€250) għad-dannu tas-soċjetà Pro Chimps Ltd. u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra; Nhar it-23 ta' Frar 2023, għall-ħabta tas-7:30p.m., mill-ħanut Pro Chimps f'Daħla fi Triq il-Kappillan Mifsud, Msida, flimkien ma' persuna oħra mhux magħrufa: (3) Ikkommetta serq ta' żewġ iPhones 14 Pro Max, liema serqa hi aggravata bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-ħin, għad-dannu tas-soċjetà Pro Chimps Ltd. u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra; Nhar it-3 ta' April 2023, għall-ħabta tas-7:00p.m., u/jew fil-jiem u/jew fil-ġimgħat ta' qabel, f'San Pawl il-Baħar u/jew f'inħawi oħra ta' dawn il-gżejjer: (4) B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, liema ammont ta' qligħ mill-ħati bi ħsara ta' diversi persuni huwa ta' aktar minn ħamest elef Euro (€5,000); (5) Irrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenzi definittivi mogħtija minn Qrati tar-Repubblika tas-Serbja.

L-imputat iddikjara li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu. Minkejja tali ammissjoni però l-Qorti tosserva li fl-atti ma hemm assolutament l-ebda prova u/jew dokument konness mal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, ossia in konnessjoni ma' l-imputazzjoni dwar ir-reċidiva. Tali prova u/jew dokument hija, fil-fehma Tagħha, meħtieġa għall-konsiderazzjonijiet li din il-Qorti għandha tagħmel fir-rigward ta' tali imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat. Fin-nuqqas ta' tali prova għalhekk, il-Qorti ma għandhiex triq oħra għajr li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat. A bażi ta' l-ammissjoni tiegħu però, issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li bihom qed jiġi mixli l-imputat u li ġew minnu ammessi, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li bl-għajnuna tiegħu l-maġġor parti ta' l-oġġetti misruqa ġew ritornati, kif ukoll il-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll li t-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat tiġi assorbita fl-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih.

Għaldaqstant, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b)(h), 20, 31, 261(b)(ċ)(f), 263(a), 267, 270, 278(1)(3), 279(b), 280(1)(2) u l-proviso ta' l-istess, 308, 310(1)(a) u 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundanna għal tletin (30) xahar priġunerija effettiva.

Mit-terminu ta' tletin (30) xahar priġunerija effettiva hawn impost fuq l-imputat, għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.

Ai termini ta' l-Artikolu 543AD tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat iddikjara li jeħtieġ traduzzjoni bil-miktub tas-sentenza, u jiddikjara li din tista' tkun fil-lingwa Ingliza.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**